# FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 19 ta` Settembru, 2017.**

**Talba Nru: 216/2017PA**

**Vincent Mizzi**

**vs**

**Elmo Insurance Ltd bħala assiguratriċi ta` James Caterers u Joseph Mary Grogan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-21 ta` April 2017 li permezz tiegħu l-attur premetta li huwa sid il-vettura 'Ford Transit Van' bin-numru ta` reġistrazzjoni GMY 046, liema vettura hija assikurata mal-MiddleSea Insurance plc – Laferla Insurance Agency Ltd; li huwa kien involut f'inċident awtomobilistiku nhar it-2 ta` Mejju 2016; li għab-bażi ta` stima magħmula minn *surveyor* Peter Bonnici ta` *Skippy Garage*, *'Sunrise'*, Triq il-Biedja, Safi, wara l-approvazzjoni ta` Elmo Insurance plc, l-attur ġġie mgħarraf li l-ispejjeż relatati mat-tiswija tal-vettura jammontaw għal elfejn, mija u sitta u tmenin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€2,186.24ċ); li s-soċjeta` konvenuta offriet somma ta` elfejn Ewro (€2,000) u b'dana li l-attur iżomm il-vettura, kif jirriżutla mis-*Survey Report*

anness; li s-soċjeta` konvenuta, għalkemm interpellata diversi drabi, baqgħet inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament ittra legali datata 24 ta` Novembru 2016 (Dok.'A1', fol.12), Traffic Accident Report (Dok.'A2', fol.13), Survey Report (Dok.'A3', fol.2 sa 10) u diversi korrispondenza legali (fol.15 sa 20).

Ra r-Risposta tal-konvenuti preżentata fis-16 ta` Mejju 2017 li permezz tagħha eċċepew li preliminarjament, dan it-Tribunal mhux il-forum meħtieġ sabiex jisma' din il-kawża skond l-Art.1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ; mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi qed jiġu miċħuda billi l-inċident in kwistjoni ma kienx imputabbli għal xi ħtija jew nuqqas tal-konvenut Joseph Mary Grogan imma seħħ unikament bi ħtija tal-attur Vincent Mizzi; u mingħajr preġudizzju u fi kwalunkwe każ, l-ammont pretiż huwa kontestat.

Ra n-noti ta` riferenzi preżentati mill-partijiet.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-ġurnata tallum sabiex tingħata deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tan-nuqqas ta` kompetenza ta` dan it-Tribunal *ratione materiae*.

Ikkunsidra li:

Din il-kawża tirrigwardja pretensjoni tal-attur għall-ħlas ta` danni biex jagħmlu tajjeb għat-telf li ġarrab b'konsegwenza ta` inċident li jgħid li ġara fit-2 ta` Mejju 2016, fi Triq Velleran, il-Fgura, meta waqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu tat-tip Ford Transit bin-numru ta` reġistrazzjoni GMY 046 fit-triq imsemmija, ħabat ma' bieba tal-ġenb tal-vettura tat-tip Toyota Dyna bin-numru ta` reġistrazzjoni IBR 125, proprjeta` tal-kumpanija James Caterers Limited, li dak il-ħin kienet qed tintuża mill-konvenut Joseph Mary Grogan.

Il-konvenuti jippretendu li dan it-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jiddeċiedi din il-vertenza billi l-kompetenza esklussiva f'materja bħal din hija mogħtija bl-**Art. 1.2** tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 378) lit-Tribunal tal-Arbitraġġ.

Ir-Raba' Skeda ta` dan l-Att tistabilixxi *'tilwimiet ... [li] għandhom jiġu determinati b'arbitraġġ'*, li jinkludu bl-**Art. 1.2** tat-Taqsima A:

> *1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta` Vetturi bil-Mutur*
>
> Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:
>
> (a) kolliżjoni bejn vetturi, jew
>
> (b) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew
>
> (ċ) talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, *underwriter* approvat mill-Ministru responsabbli għat-trasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta` Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta` Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polża ta` assigurazzjoni, tista` tkun responsabbli dwarha, u
>
> (d) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro, sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87ċ).

Minn dak dikjarat fir-rapport tal-inċident reġistrat mill-gwardjan lokali (Traffic Accident Report 171943/GWSHL) jirriżulta li l-inċident mertu ta` din l-azzjoni ġara waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tiegħu tat-tip for Transit fi Triq Velleran, il-Fgura, meta l-vettura li ħabat magħha kienet wieqfa fl-istess triq.

L-aktar deċiżjoni riċenti tal-Qorti tal-Appell dwar din il-kwistjoni ġiet pronunċjata fis-sentenza **Gasanmamo Insurance Ltd vs Alexander Vassallo nomine et**[1]. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) rreferiet għall-ġurisprudenza

[1] 14.7.2017

kunfliġġenti fuq l-interpretazzjoni tad-disposizzjoni li fuqha jibbażaw l-eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti, senjatament **MiddleSea Insurance plc et vs Gevimida Ltd**[2] u **Joseph Ciscaldi vs Nicholas Camilleri**[3]. Dan it-Tribunal, bħall-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Gasanmamo Insurance Ltd vs Vassallo nomine et**[4] jaqbel mal-interpretazzjoni restrittiva mogħtija fis-sentenza **MiddleSea Insurance plc et vs Gevimida Ltd** fis-sens li *"…. mill-istess intestazzjoni tas-subparagrafu 1.2, il-kontroversja li l-leġislatur jirriżerva b'mod mandatorju lill-Arbitraġġ* ***huma dawk li għandhom rapport kawżali ma' inċidenti tat-traffiku li jikkaġunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta` ta` terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta` minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess inċident stradali***[5] *... Trattasi ta` proċedimenti, ta` indoli koerċittiva, l-istess għandhom jirċievu interpretazzjoni ristrettissima. Dan qed jiġi rilevat in kwantu l-interpretazzjoni ta` liġi għandha tkun dejjem konsona mar-raġuni u, f'dan il-każ, ma jidħrux li huma ragonevoli, proprju f'materja eċċezzjonali u ta` imposizzjoni mandatorja, illi jiġu ammessi estensjonijiet ta` kontroversji li l-leġislatur ma kkontemplax".*[6]

Fis-sentenza **MiddleSea Insurance plc et vs Gevimida Ltd**, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) spjegat li l-arbitraġġ mandatorju japplika biss f' *'rapport kawżali ma' inċidenti tat-traffiku li jikkaġunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta` ta` terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta` minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess inċident stradali.'*

Dan it-Tribunal jidhirlu li dan il-każ jinkwadra fil-parametri tal-kompetenza esklussiva tal-arbitraġġ mandatorju, kif stipulati fl-**Art 1.2(a)** tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ għaliex it-talba attriċi titwieled minn kolliżjoni bejn żewġ vetturi fit-

---

[2] Appell Inferjuri, 23.10.2009
[3] Appell Inferjuri, 19.4.2012
[4] *supra*
[5] Enfasi tat-Tribunal
[6] Ara fost oħrajn **Elmo Insurance Ltd vs Kunsill Lokali Gżira**, Appell Inferjuri, 27.10.2015; **Argus Insurance Agencies Ltd noe vs Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar**, Appell Inferjuri, 29.7.2016; **Awtorita` għat-Trasport f'Malta vs Christian Fenech**, Appell Inferjuri, 15.3.2016 u **Kevin Micallef vs GasanMamo Insurance Ltd et**, Appell Inferjuri, 22.2.2016

triq, waqt li waħda minnhom kienet qed tinstaq, u mal-impatt fil-vettura l-wieqfa, ġew kaġunati danni lill-vettura li kienet miexja.

Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, u konsegwentement jieqaf milli jieħu konjizzjoni tat-talba tal-attur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**